29 ta' Novembru, 1952.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Cauchi et. *versus* Gio. Maria Cauchi**

**Rendiment ta' Kontijiet — Amministrazzjoni — Tutela — Approvazzjoni — Inventarju — Ġurament — Art. 394 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta amministratur jiġi kundannat b'sentenza biex jirrendi l-kontijiet ta' l-amministrazzjoni tiegħu fi żmien li jiġi lilu prefiss fis-sentenza, u huwa jonqos li jippreżenta dawk il-kontijiet f'dak iż-żmien, il-parti li kellha tirċievi l-kontijiet għandha dritt tagħmel kawża lill-amministratur biex jiġu approvati l-kontijiet li tkun għamlet hija stess fin-nuqqas ta' l-amministratur milli jottempera għal dik is-sentenza.*

*Dik il-parti għandha dritt teżerċita azzjoni simili, u mhux sempliċement id-dritt li tipprova bil-ġurament il-korrettezza ta' l-ammont li jirriżulta kontra l-amministratur mill-kontijiet li tkun għamlet hija stess. Għax il-liġi, meta tagħti lil dik il-parti d-dritt li tispeċifika mqar bil-ġurament l-ammont li għandu jingħata lilha, ma teskludix mezzi oħra ta' prova aktar regolari għall-aħjar determinazzjoni ta' l-ammont dovut minn min għandu jirrendi l-kontijiet; u l-ġurament jingħata biss fil-każ ta' impossibilità ta' provi oħra.*

*Jekk il-persuna li teżerċita azzjoni simili tkun xi ħadd li kien suġġett għal tutela, u allura l-azzjoni tiġi eżerċitata kontra dak li kien it-tutur tagħha, ma jistax jingħad li l-azzjoni hija eżerċitata ħażin għax tkun qiegħda timpunja l-inventarju li jkun għamel it-tutur fl-okkażjoni tat-tutela mingħajr ma hemm domanda espressa għal dik l-impunjazzjoni. Għax l-inventarju huwa att uni-*

*laterali, u jikkostitwixxi prova biss kontra l-persuna li tkun għamlitu. B'mod illi ma jippreġudikax l-interessi tal-persuni li l-liġi trid tipproteġi bih; u l-prova tal-konsistenza u l-valur ta' l-oġġetti li ma jkunux ġew inventarjati tista' ssir bi kwalunkwe mod u xorta ta' prova, speċjalment per mezz ta' testimonji u b'notorjetà.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut ġie kundannat, b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 1951 minn din il-Qorti, sabiex fi żmien tmint ijiem jagħti kont ta' l-amministrazzjoni tal-beni ta' l-atturi, stante li hu kien tutur tagħhom; u illi l-konvenut naqas li jagħti dan il-kont fiż-żmien lilu fissat; u illi huma ppreparaw dawn il-kontijiet (dok. A, B, C), li minnhom jirriżulta li jispetta lill-attur Giuseppe Cauchi flus jew oġġetti tal-valur komplessiv ta' £1181. 5. 0, u lill-attur Bernardo Cauchi flus jew oġġetti tal-valur komplessiv ta' £1091. 15. 5; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, l-imsemmija kontijiet jiġu approvati minn dina l-Qorti. Bl-ingħaxijiet tal-ħamsa fil-mija mill-ġurnata tat-tmiem tat-tutela, skond l-art. 221 tal-Kodiċi Ċivili, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jesponi illi l-atturi mhumiex intitolati jistitwixxu l-azzjoni odjerna, għaliex skond l-art. 394 (2) tal-Proċedura Ċivili, dina l-azzjoni tikkompeti lil *min ikun* irrenda l-kont li għalih ikun tenut skond *il-liġi*; illi, fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tinsab istitwita ħażin, għaliex fil-fatt qiegħed jiġi impunjat l-inventarju li għamel hu fl-okkażjoni tat-tutela, mentri fid-domanda ma tissemmiex, u wisq anqas tintalab din l-impunjativa; illi, fil-*meritu*, *il-pretensjoni* ta' l-atturi hija mingħajr bażi, speċjalment dwar *il-fatt illi fil-mewt* ta' Paolo Cauchi, missierhom, kien hemm fl-assi tiegħu £2800 flus biss. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjonijiet *tal-konvenut*, *minbarra* dik *fuq* il-meritu, huma tnejn, jew (1) illi l-atturi mhumiex intitolati

jistitwixxu l-azzjoni odjerna, u (2) illi, fil-każ, l-istess azzjoni tinsab istitwita ħażin;

Illi, dwar l-ewwel eċċezzjoni, kif tajjeb jissottomettu l-atturi, it-talba tagħhom hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 394 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-konvenut ma ppreżentax il-kontijiet fiż-żmien prefiss lilu bis-sentenza msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u għalhekk huma qegħdin jitolbu l-approvazzjoni ta' dawk il-kontijiet, li però għamlu huma stess flimkien il-konvenut. Għalhekk l-atturi huma intitolati jistitwixxu dina l-azzjoni. It-talba, kif magħmula, hija wkoll korretta, għaliex l-atturi ma setgħux biss jitolbu, kif jallega l-konvenut, illi jippruvaw l-ammont dovut lilhom bil-ġurament "in litem", jew estimatorju. Infatti, kif tajjeb ukoll jissottomettu l-atturi, il-liġi, meta fl-artikolu fuq imsemmi tiddisponi illi l-Qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont illi tispeċifika mqar b'ġurament is-somma li għandha tingħata, ma teskludix mezzi oħra ta' prova aktar regolari; anzi, meta hu possibili, il-liġi teżiġi kull prova oħra għall-aħjar determinazzjoni ta' l-ammont dovut minn min għandu jirrendi l-kont; u l-ġurament jingħata biss fil-każ ta' impossibilità ta' prova oħra (Vol. VIII, 889; XIV, 30; XV, 203, 596; XXVII—II—116). Għalhekk dina l-eċċezzjoni mhijiex sostenibili;

Illi, dwar it-tieni eċċezzjoni, l-atturi mhumiex qegħdin jimpunjaw l-inventarju li għamel il-konvenut fl-okkażjoni tat-tutela, imma qegħdin sempliċement jispeċifikaw is-somma li għandha tingħata lilhom mill-konvenut; u dan minħabba illi l-istess konvenut ma ppreżentax il-kontijiet hu stess fiż-żmien lilu prefiss mill-Qorti. U l-atturi dan biss kellhom jagħmlu. u mhux ħaġ'oħra. Jista' jkun vero li b'dan il-mod qegħed sa ċertu pont jiġi attakkat l-inventarju fuq imsemmi; imma dan ma jfisserx illi għall-azzjoni esperita mill-atturi, kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, huma kien imisshom impunjaw dak l-inventarju formalment u "expressis verbis" b'domanda apposita, kif jallega l-konvenut. Apparti illi l-inventarju ma għandux għal kollox dik il-forza probatorja allegata mill-konvenut, billi l-inventarju hu att publiku unilaterali u jikkostitwixxi prova kontra l-persuna li għamlitu biss, b'mod illi ma jippreġudikax l-interessi ta' dawk il-persuni li l-liġi trid tip-

protegi bih, il-prova tal-konsistenza u l-valur ta' l-oġġetti li ma jkunux ġew inventarjati tista' ssir bi kwalunkwe mod u xorta ta' prova, speċjalment per mezz ta' testimoni u b'notorjetà (Laurent, Diritto Civile, Vol. V, para. 11; Baudry-Lacantinerie, Tutela, para. 475; Ricci, Diritto Civile, Vol. 1, parte 2da., para. 245). Għalhekk lanqas it-tieni eċċezzjoni ma hija sostenibili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċċaħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tas-7 ta' Jannar 1953, għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu.

---